*KUSTODJA TA' MINURI*

*VARJAZZJONI TA' DIGRIET TAS-SEKOND' AWLA*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 2848/97/RCP**

**Alfred Brincat**

**vs**

**Josianne Brincat**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-

Illi fir-rikorsi rispettivi taghhom tas-16 ta' Dicembru 1996 u 28 ta' Novembru 1996 quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghall-awtorizzazzjoni biex jipprocedu ghas-

separazzjoni personali, il-kontendenti talbu l-affidament tal-kura u l-kustodja tal-ulied minuri komuni Dylan u Theresianne, ahwa Brincat;

Illi wara l-prezentata tar-rapport tas-Social Worker tad-9 ta' Lulju 1997 dik l-istess Qorti ddekretat fit-28 ta' Awissu 1997 illi l-ulied minuri ghandhom jigu affidati lill-konvenuta;

Illi nonostante t-talba tal-istanti ghar-revoka *contrario imperio* tal-imsemmi digriet dik il-Qorti Civili Sekond'Awla rrespingiet domanda bhal din u dan skond digriet ulterjuri tal-15 t'Ottubru 1997;

Illi l-affidament, anke *pro tempore*, tal-ulied minuri lill-konvenuta ma huwiex dak konsentit billi l-konvenuta ghandha relazzjoni illecita ma' ragel iehor u din hi r-raguni principali li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg;

Illi ma huwiex fl-ahjar intress tal-minuri illi l-konvenuta tissokta bil-kura u kustodja taghhom u/jew li dan l-istess affidament jitkompla sakemm ma jigix, fi kliem is-Social Worker, u ppruvat b'certezza l-adulterju tal-konvenuta;

Illi wkoll l-attwali kollakament u sistemazzjoni tal-ulied ma hijiex ta' gid u ghall-ahjar vantagg tal-istess ulied;

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta ma hijiex il-persuna idonea li ghandha jkollha l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Dylan u Theresianne ahwa Brincat, u dan billi okkorrendo tiddikjara u tiddeciedi illi d-digriet tal-Qorti Civili, Sekond'Awla tat-28 ta' Awissu 1997 m'ghandux ikollu aktar effett;

2. konsegwentement tordna lill-konvenuta biex b'effett immedjat tirritorna l-ulied minuri msemmija lill-attur missierhom;  u

3. alternittivament, u jekk ikun il-kaz, taghti kull provvediment iehor spedjanti fl-interess suprem tal-minuri.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 5 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux fl-intress tat-tfal minuri tal-kontendenti li dawn ma jibqghux fil-kura u l-kustodja ta' ommhom, l-eccipjenti, u peress li t-talbiet attrici huma ibbazati fuq premessi ohra.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta a fol.14 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta' Jannar 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr.Anthony Ellul sabiex jisma' l-provi; tat-23 ta' Marzu 1998; tas-17 ta' Gunju 1998; u tal-5 ta' Ottubru 1998;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-16 ta' Frar 1999; fl-1 ta' Marzu 1999; fis-26 ta' Marzu 1999; u fl-4 ta' Novembru 1999;

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Marzu 1999; tad-29 ta' Ottubru 1999; tat-2 ta' Gunju 2000; tas-7 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Anthony Ellul u nnominat minfloku lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Jannar 2001; tad-29 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuta; tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux nonostante li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenuta. Il-Qorti ddikjarat l-provi tal-konvenuta maghluqa. Dr.Philip Sciberras talab li jressaq provi dwar avvenimenti li allegatament gie a konoxxenza taghhom l-attur dan l-ahhar. Il-Qorti laqghet it-talba. Xehed l-attur. In vista ta' dan il-Qorti halliet il-kawza sabiex tisma' lill-

konvenuta u ghall-provi kollha taghha; u tal-31 ta' Ottubru 2001 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Peress li l-kawza kienet ghall-provi kollha tal-konvenuta li naqset li tidher u li tressaq provi, il-Qorti ddiferiet l-kawza ghas-sentenza ghas-17 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II.IL-VERTENZA ODJERNA**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li martu l-konvenuta tigi dikjarata minn din il-Qorti bhala persuna li mhux idonea li jkollha l-kura u kustodja taz-zewg ulied minorenni taghhom; u b'hekk huwa qed jitlob li d-digriet moghti mis-Sekond'Awla li permezz tieghu l-konvenuta nghatat l-kura u l-kustodja tal-istess ulied m'ghandux ikollu aktar effett. Huwa talab ukoll li jew it-tfal minuri jirritornaw ghandu jew li l-Qorti taghti kull provvediment iehor fl-interess suprem tal-minuri. Il-konvenuta min-naha taghha tichad dak kollu allegat mill-attur fic-citazzjoni u ma tara l-ebda raguni valida ghaliex id-digriet tas-Sekond'Awla m'ghandux ikollu aktar effett.

**III. PROVI**

Illi **Alfred Brincat** ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Huwa xehed li martu telqet mid-dar f'Dicembru 1996 u hadet lit-tifla maghha u hu baqa' ighix fid-dar matrimonjali mat-tifel li baqa' jghix mieghu ghal xi sena. Dan sakemm kien hemm id-digriet tas-Sekond'Awla. Huwa qal li jahdem bhala kok u l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma mill-4.00p.m. sal-11.00p.m. u ma jkunx imissu kuljum. Huwa qal illi matul ix-xhur tax-Xitwa jkollu hafna hin liberu peress li x-xoghol jonqos. Ix-xhud kompla billi qal li meta t-tifel kien ghadu jghix mieghu hu kien jiehdu ghand ohtu mizzewga u li m'ghandhiex tfal. Il-konvenuta qed tghix fl-Imqabba wara li giet allokata post mid-Dipartiment tad-Djar. Inoltre' qal li meta kienu jghixu flimkien martu kienet tiffrekwenta rgiel ohra u li llum qed tghix ma' Karl Blundell. Huwa semma wkoll okkazjoni fejn rahom flimkien.

Meta rega' xehed qal illi uliedu nfurmawh li dan Blundell m'ghadux joqghod maghhom u mar ighix wahdu. Inoltre' qal illi qabbad lil certu Josette Bugeja biex issegwi l-passi ta' martu ghal xi tlett darbiet li kkonfermatlu li rat lil martu fil-kumpanija ta' certu Mario Buhagiar kull darba. Huwa ghalhekk joggezzjona li t-tfal jibqghu ghand martu minhabba li hija qed tiffrekwenta rgiel ohra fil-presenza taghhom. Sussegwentement xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti fejn esebixxa ritratt li gie mmarkat bhala Dok AB fejn hemm martu ma' Karl Blundell u li ttiehed meta siefru l-Italja. Dan ir-ritratt tahulu t-tifel.Illum il-gurnata l-konvenuta

ghadha qed tghix l-Imqabba flimkien ma' mara ohra u uliedhom. Huwa allega wkoll illi dan Blundell kien jahqar lit-tfal.

Illi l-konvenuta **Josianne Brincat** in subizzjoni xehdet li hi tghix l-Imqabba u li uliedhom ighixu maghha. It-tfal jattendu skola l-Belt Valletta. Hija qalet li ilha li telqet mid-dar mit-12 ta' Dicembru 1996. Hija qalet li ma' Karl Blundell qatt ma kellha l-ebda relazzjoni imma li huwa biss habib u li qatt ma' harget mieghu. Mar id-dar ghandha biex jaghmlilha l-kamra tal-banju. Hija qalet ukoll li lil Mario Buhagiar ilha tafu hafna zmien u dan peress li kien joqghod hdejhom il-Barrakka. Pero` qatt ma mar l-Imqabba ghandha. L-ilma ghamilulha certu wiehed Lawrence. Hija qalet li ma tahdimx. Il-konvenuta sostniet li minn mindu telqet lir-ragel qatt ma harget ma' rgiel ohra lanqas mhux fil-presenza tat-tfal.

Illi xehed ukoll **Karl Blundell** li qal illi hu jaf lill-konjugi Brincat bhala hbieb kif ukoll jaf lill-familjari tal-konvenuta. Huwa qal li kien hemm zmien fejn jekk kienu jiltaqghu barra kien iqatta' xi hin maghhom pero` llum m'ghadux jaghmel hekk. Huwa habib kbir ta' hu l-konvenuta. Huwa qal li jaf fejn toqghod l-Imqabba peress li ghamel xoghol ta' tqeghid ta' madum. Dan ix-xoghol ghamlu f'Awissu 1998 u dam xi gimgha jmur filghaxijiet. Huwa qal li qatt ma raqad ghandha u wisq anqas li kellu relazzjoni maghha. Huwa kkonferma li l-ahhar darba li ra lill-konvenuta u lil ommha kien il-Belt u nzerta rahom l-attur. Inoltre' qal li l-attur heddu kemm-il

darba ghalkemm qatt m'ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa xehed li lit-tfal tal-konjugi Brincat jafhom u kien jarahom ta' spiss. Qal li jaf ukoll lil Mario Buhagiar ghax hu habib tieghu pero` qatt ma ta kaz jekk ikunx mal-konvenuta. Huwa fl-ahharnett xehed li huwa joqghod mal-familja tieghu.

Illi qabel ma' din il-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti sabiex tasal ghad-decizjoni taghha sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. Illi fil-kawza **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"(AC. 25 ta' Novembru 1998)** il-Qorti qalet :-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child."*

*"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all*

*they want is to pay back the other party through their minor child."*

Inoltre' jrid jinghad li l-attur ghandu l-oneru li jipprova li huwa fl-ahjar interess tat-tfal minuri li ma jibqghux fil-kura u l-kustodja t'ommhom. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan naqas li jaghmlu. Huwa ghamel hafna allegazzjonijiet li ma sostanzjax u li ma gewx korroborati lanqas minn xi xhieda ohra. Ir-ritratt ezebit minnu u mmarkat bhala Dok AB fejn juri lil martu ma' Karl Blundell barra minn Malta lanqas ma hija prova konklussiva ta' dak li allega l-attur. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti tal-14 ta' Gunju 2001 huwa stess xehed li llum il-konvenuta qed tghix l-Imqabba ma' uliedhom minuri flimkien ma' mara ohra. Ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li t-tfal mhumiex ikkurati sew jew li qeghdin f'xi forma ta' periklu. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddikjara li d-digriet tas-Sekond'Awla tat-28 ta' Awissu 1997 m'ghandux ikollu aktar effett, u iktar u iktar ma hemm l-ebda raguni valida u sostanzjali sabiex tali digriet jigi varjat fl-interess tal-istess minuri, li din il-Qorti qed tikkawtela.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici.**

*17 ta' Jannar,2002*

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' Jannar 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**17 ta' Jannar 2002.**